MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 686/2014

**Mario Buhagiar**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Mario Buhagiar (ID 0489854M) datat 1 ta’ Awwissu 2014 fejn bil-gurament tieghu jikkonferma li jaf personalment il-fatti segwenti espona: -

Illi fic-certifikat tat-twelid ta' l-esponent, id-data tat-twelid tieghu tinsab erroneament indikata bhala l-erbatax (14) ta' Gunju 1954 (ara Dok.A), meta huwa fil-fatt twieled nhar is-sebgha (7) ta' Gunju 1954;

Illi l-14 ta Gunju 1954 hija d-data li fiha l-istess esponent gie mghammed, kif jirrizulta mill-anness certifikat tal-maghmudija tieghu (Dok.B); jidher ghalhekk illi l-izball huwa wiehed ta' natura klerikali, billi probabbilment ir-registrazzjoni civili dak iz-zmien saret a bazi tac-certifikat tal-maghmudija, u ttiehdet data minflok ohra;

Illi kif jirrizulta mill-istess certifikat tat-twelid, it-twelid gie registrat mill-omm, li ma kenitx taf taqra u tikteb u li ghalhekk ma ndunatx bl-izball;

Illi l-esponent u l-familjari kollha tieghu jiftakru minn dejjem id-data tas-sebgha ta' Gunju bhala d-data li fiha ta' kull sena jigi mfakkar gheluq snin l-esponent;

Illi l-esponent talab id-debita korrezzjoni anke fil-Qorti tar-Revizjoni ta' l-Atti Nutarili, izda tali talba giet michuda *in vista* ta' l-oppozizzjoni tad-Direttur intimat, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza (Dok.C);

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, ir-rikorrent jitlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kull pubblikazzjoni u dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara li r-rikorrent twieled nhar is-sebgha (7) ta' Gunju 1954 u mhux fl-erbatax (14) ta' Gunju 1954;

2. Tiddikjara konsegwentement illi l-iskrizzjoni ta' l-att tat-twelid tar-rikorrent, li ggib in-numru progressiv 4898 tas-sena 1954 u li certifikat ufficjali tieghu jinsab anness bhala Dok. A, huwa affett minn zball.

3. Tordna l-korrezzjoni opportuna ta' l-imsemmija iskrizzjoni u certifikat, u dan billi d-data tat-twelid indikata, kull fejn tirrikorri bhala l-erbatax (14) ta' Gunju 1954, tigi sostitwita bid-data tas-sebgha (7) ta' Gunju 1954, u dan flimkien ma' kull provvediment iehor li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tad-9 ta' Ottubru 2014.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 5 ta' Settembru (fol 19) fejn esponew : -

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża a tenur tal-**Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi bla ħsara għall-premess, għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ in kwistjoni huwa jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talba u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi bla preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fid-9 ta' Ottubru 2014 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Ariana Falzon li assocjat ruhha fil-patrocinju tad-Direttur Registru Pubbliku flimkien ma' Dr Maurizio Cordina. L-Avukat Dr Gianfranco Gauci msejjah tliet darbiet ma dehrex. Il-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza dehret L-Avukat Ariana Falzon ghad-Direttur Registru Pubbliku. L-Avukat Dr Gianfranco Gauci msejjah tliet darbiet ohra rega' ma deherx. Il-Qorti rat in-nota tar-rikorrent a fol 21 tal-process. Dr. Falzon iddikjarat li ma fadlilhiex provi aktar f' dan l-kaz u ddikjarat li l-kawza tista' tmur ghas-sentenza. Il-Qorti fid-dawl ta' dawn id-dikjarazzjonijiet iddifferixxiet il-kawza ghall-11 ta' Novembru 2014 ghas-sentenza

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-attur *nomine* qed jagħmel din it-talba sabiex jigi korrett l-att tat-twelid tieghu numru 4898/1954 billi d-data tat-twelid tieghu giet erronjament registrata bhala l-14 ta' Gunju 1954 minnflok is-7 ta' Gunju 1954.

L-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku wiegeb li ma kienx edott mill-fatti u rrimetta ruhu ghall-provi u ghall-gudizzju ta' din il-Qorti dwar it-talba rigward il-mertu tal-kaz. Eccepixxa wkoll li m'ghandux jinzamm responsabbli ghall-ispejjez tal-kawza.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament skont il-Ligi (fol 13).

Jirrizulta mill-atti li r-rikorrent kien ghamel talba ghall-korrezzjoni appozita lid-Direttur tar-Registru Pubbliku izda din giet rifjutata minnu u mill-Qorti tar-Revizjoni ta' l-Atti Notarili (**DOK C).**

Ir-rikorrent iddikjara li kienet ommu li rregistrat it-twelid tieghu u fuq dana l-att, rilaxxjat mir-Registru Pubbliku, nsibu l-annotament li d-dikjaranti hija "*The mother who declares she is unable to write.*"(**DOK A).**

Ikkonsidrat li l-Ligi taghna tirrikonoxxi bhala prova tal-kontenut taghhom sakemm ma jigix ippruvat il-kuntarju *inter alia "l-atti u r-reġistri tal-parroċċi dwar twelid, żwieġ, u mewt, u d-disposizzjonijiet magħmula skont il-liġi quddiem Kappillan;*" **(art. 629(b) tal-Kap.12.)** Ir-rikorrent esebixxa c-certifikat tal-maghmudija tieghu debitament iffirmata mill-Kappillan (**DOK B**) minn fejn jirrizulta li d-data tat-twelid tieghu hija mnizzla bhala s-7 ta' Gunju 1954 filwaqt li l-14 ta' Gunju 1954 hija d-data tal-maghmudija tieghu. Jinghad ukoll li s-sistema legali taghna tpoggi fiducja fic-certifikat tal-maghmudija tant li skont l-artikolu **273 (1)tal-Kap 16** li " *L-avviż tat-twelid jista' jingħata billi wieħed jibgħat lill-uffiċjal hawn fuq imsemmi fidi tal-magħmudija, iffirmata mill-Kappillan jew saċerdot ieħor, li jkun għammed it-tarbija*".

Ir-rikorrent fl-affidavit tieghu (fol 22) iddikjara li fiz-zmien meta t-twelid tieghu gie registrat, kienu jghaddu c-certifikat tal-maghmudija lill-iskrivan. Qal ukoll li billi twieled f'Jum is-Sette Gugno, il-familja tieghu dejjem iccelebrat gheluq sninu f'din il-gurnata storika. Billi din kienet gurnata ta' festa, zgur li l-familja tieghu ma kienux ser jiehdu zball dwar id-data meta twieled.

Illi wara li rat ic-certifikat tal-maghmudija u l-affidavits esebiti, din il-Qorti hija tal-fehma li d-data registrata fuq l-att tat-twelid tar-rikorrent hija wahda zbaljata u d-data tat-twelid tieghu ghandha tigi korretta sabiex titnizzel id-data tas-7 ta' Gunju 1954 minnflok id-data registrata.

Il-Qorti hija ghalhekk soddisfatta li r-rikorrent irnexxielu jipprova li sar zball fir-registrazzjoni mertu ta' din il-kawza u ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi biex tilqa' t-talbiet tieghu.

Dwar il-kap tal-ispejjez, il-Qorti ma jidhriliex li ghandha tezonera lill-intimat mir-responsabbilta` tieghu ghall-akkadut ghaliex l-iskrivan kien jaf li d-dikjaranti ma kenitx taf tikteb meta nizzel id-dettalji tat-tarbija u messu qaghad aktar attent ghad-dettalji miktubin fuq il-fidi tal-maghmudija. Dan specjalment fid-dawl tal-valur probatorju tac-certifikat tal-maghmudija. Madanakollu tenut kont li l-omm kienet taf il-limitazzjonijiet taghha u li missa uzat hi ukoll aktar kawtela biex tassigura li kollox jigi registrat korrettament, din il Qorti ser tiddeciedi fis-sens li kull parti thallas l-ispejjez taghha.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi :-

1. **Tilqa'** l-ewwel talba attrici u tiddikjara li r-rikorrent twieled nhar is-sebgha (7) ta' Gunju 1954 u mhux fl-erbatax (14) ta' Gunju 1954;

2. **Tilqa'** t-tieni talba u tiddikjara konsegwentement illi l-iskrizzjoni ta' l-att tat-twelid tar-rikorrent, li ggib in-numru progressiv 4898 tas-sena 1954 u li certifikat ufficjali tieghu jinsab anness bhala Dok. A, huwa affett minn zball.

3. **Tilqa'** t-tielet talba u tordna l-korrezzjoni opportuna ta' l-imsemmija iskrizzjoni u certifikat, u dan billi d-data tat-twelid indikata, kull fejn tirrikorri bhala l-erbatax (14) ta' Gunju 1954, tigi sostitwita bid-data tas-sebgha (7) ta' Gunju 1954.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kull parti thallas l-ispejjez taghha.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------